MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 437/2011

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu l-attur ippremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fid-disa (9) ta’ Settembru elf disgha mija u tlieta u disghin (1993) (Ara Dok A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal li llum ghandhom wiehed u ghoxrin (21) u sittax il-sena (16);

Illi l-partijiet ilhom separati sa mit-tmienja (8) ta’ Jannar elfejn u sebgha (2007) b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Joseph Lia liema kuntratt kien hemm korrezzjoni tieghu b’kuntratt redatt minn Nutar Dottor Rueben Debono fl-

ghaxra (10) ta’ Settembru tal-elfejn u tmienja (2008) (Ara kuntratti annessi u mmarkati Dok B u Dok C);

Illi m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom fuq erba’ (4) snin mifrudin illum ghandhom hajja separata totalment minn xulxin;

Illi manteniment mhux dovut ghaliex il-mara ddekadiet mid-dritt taghha li tircievi manteniment (Ara Dok B Klawsola 4) u l-wild minuri hija fil-kura u l-kustodja tar-rikorrent (Ara Dok C Klawsola 2);

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab ghaliex din il-qorti m’ghandhiex :

(1) Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

i. Illi hija rat ir-rikors tal-attur u taqbel li huma legalment separati permezz ta’ kuntratt ippublikat min-Nutar Dr. Joseph Lia datat tmienja (8) ta’ Jannar elfejn u sebgha (2007) liema kuntratt gie kkoregut permezz ta’ kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Rueben Debono fl-ghaxra (10) ta’ Settembru elfejn u tmienja (2008), kopja taz-zewg kuntratt huma annessi mar-rikors tal-attur.
ii. Illi l-konvenuta taqbel li skond dawna l-kuntratti l-ebda manteniment ma huwa dovut.
iii. Illi ma hemm l-ebda prospett ta’ rikoncilljazzjoni bejn il-partijiet stante li kif gie spjegat wkoll fir-rikors tal-attur il-partijiet bnew hajjithom separatament minn xulxin.

iv. Illi ghaldaqstant il-fatti jissodisfaw il-kundizzjonijiet ai termini ta' artikolu sitta u sittin ittra B (Art. 66B) tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghda titlob umilment sabiex dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u r-Registrazzjoni tal-Qorti fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Ligi, taht dawk il-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa f'dan il-kaz.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Dicembru, 2011;

Rat ir-risposta ta' l-intimata;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-partijiet jixhdu;

Rat l-Artikoli 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi sabiex il-Qorti tippronunzja il-hall taz-zwieg gew sodisfatti; u dana peress illi irrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mit-8 ta' Jannar 2007.

Illi irrizulta wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi l-ebda manteniment ma huwa dovut peress illi l-mara kienet iddekadiet mid-dritt li tircievi manteniment u il-wild minuri tinsab fil-kura u l-kustodja tar-rikorrenti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------